# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.5

**Kap 5: Ngħixu ma' kulħadd**

**Lezzjoni 5.5: Inħobb lil kulħadd bħal Ġesù**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu kif Ġesù kien iħobb lil kulħadd.
2. Jisimgħu kif Ġesù fejjaq kull kwalità ta' nies, anke dawk qrib tiegħu (Mk 1: 21-31).

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Interactive whiteboard
- Preżentazzjoni bil-ppt
  (Inħobb lil Kulħadd bħal Ġesù - 5.5)
- Filmat – Ġesù jfejjaq raġel bi spirtu ħażin:

  http://www.youtube.com/watch?v=drQsYt4CsV0
- Kanzunetta – Love One Another

  https://www.youtube.com/watch?v=p9diFwUly4M
- Karta tat-taħriġ 5.5

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Uri stampa relatata mal-imħabba (mill-ppt). Staqsi lit-tfal x'jiġihom f'moħħhom meta jaraw din l-istampa.
- It-tfal jaqsmu l-ideat tagħhom mal-bqija tal-klassi. Kompli d-diskussjoni billi turi l-istampi ta' tfal u nies differenti. Staqsi lit-tfal: *Lil min għandna nħobbu?*
- Din id-diskussjoni għandha l-għan li tgħin lit-tfal jaħsbu u jirriflettu kif inħobbu lill-oħrajn u lil min għandna nħobbu.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



- Uri l-istampa ta' Ġesù (mill-ppt) *Lil min kien iħobb Ġesù?* Uri l-istampi differenti biex it-tfal jibdew jaraw lil Ġesù man-nies li kien jiltaqa' magħhom, jgħin u jfejjaq.
- Uri l-filmat ta' meta Ġesù fejjaq lir-raġel bi spirtu ħażin u aqra s-silta mill-Bibbja (Mk1: 21-31)
- Staqsi dwar dan l-episodju mill-ħajja ta' Ġesù bħal: *X'għamlu/qalu n-nies? X'qalilhom Ġesù? X'għamel Ġesù? X'jurina dan kollu fuq Ġesù?*
- Stieden lit-tfal isibu l-Karta tat-Taħriġ 5.5. Aqra u spjega n-nota tal-bidu.
- Spjega Attività 1. It-tfal jiddiskuti għalfejn jagħżlu r-risposti
- Spjega Attività 2. Aqra l-istorja u wara li tiddiskuttiha mat-tfal flimkien wieġbu s-sentenzi.
- Għaddi għal Attività 3. Iddiskuti mat-tfal l-importanza li nagħtu spazju lil kulħadd specjalment lil dawk li ġejjin minn ambjenti diffiċli.
- Agħlaq il-lezzjoni bil-kanzunetta: Love One Another http://www.youtube.com/watch?v=cQQ2sKj0Fq0 It-tfal jgħidu xi ħaġa li laqtithom minnha.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Ġesù kien iħobb lil kulħadd, kemm dawk qrib tiegħu u kemm dawk li għan-nies kienu jidhru persuni ħżiena.



2. Bħal Ġesù rridu nħobbu lil kulħadd, hu min hu, u jagħmel x'jagħmel.

3. Meta nħobbu lil kulħadd inħossuna aħjar u jkollna aktar paċi f'qalbna.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li għalihom hu importanti li jħobbu lil kulħadd.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Filmat ta' meta Ġesù fejjaq raġel bi spirtu ħażin minn:

http://www.youtube.com/watch?v=drQsYt4CsV0

Kanzunetta: Love One Another:

http://www.youtube.com/watch?v=cQQ2sKj0Fq0



## Nitolbu

(Talb spontanju mit-tfal)

